**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 28 ta' Jannar, 2019

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**
**-vs-**
**Samuel Borg, detentur tal-karta tal-identita` numru 434286M**

*Kumpilazzjoni Nru. 87/2018*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Samuel Borg`, u cioe` talli:

> Fil-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Jannar, 2016, gewwa Triq San Gwann, Gharghur, ikkommetta serq kkwalifikat bil-hin, bil-mezz, bil-lok u bil-valur, liema valur jeccedi il-mittejn u tnejn u tletin ewro w erbgha u disghin centezmu (€232.94) u dan ghad-detriment ta' Dexter Cutajar u/jew persuni ohra.
>
> Rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandux oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk ried jerga' lura minnha.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu w ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar piena l-Qorti kkunsidrat in-natura tar-reati li dwarhom qed tinstab htija, tal-karattru refrattarju tieghu, tal-ammissjoni tieghu u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz fosthom li hu kkometta ir-reat addebitat lilu biex jiffinanzja l-vizzju tad-droga li hu mahkum minnu.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 261(b)(c)(e)(f), 263, 267, 269(g), 270, 278(3), 279(a) u 289 Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah erbatax (14) il-xahar prigunerija.

A tenur tal-artikolu 412D Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien sentejn snin sabiex jinghata l-ghajnuna li jista` jirrikjedi biex jeghleb il-vizzju tad-droga, inkluz dik psikologika jekk mehtieg.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**